MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 448/2008

**A B**
**u**
**C D nee' E**
**u b'digriet datat 10 ta' Dicembru 2008**
**Dr Mark Busuttil u l-P.L. Victor Bugeja gew**
**nominati kuraturi deputati tal-minuri F D**

**-vs-**

**G D**
**u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' A B u C D nee' E fejn dawn ippremettew:

Illi r-rikorrenti C D nee' E izzewget lill-konvenut G D fit-2 ta' Frar 2004 fir-Registru taz-Zwigijiet ta' Malta fil-Belt Valletta u dana kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg bin-numru *omissis* – (Dok A);

Illi r-rikorrenti kellhom relazzjoni, mil-liema relazzjoni twieldet il-minuri F D fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u t-tmienja (2008), certifikat tat-twelid immarkat (Dok B) bin-numru ta' registrazzjoni *omissis*;

Illi L-imsemmija tarbija giet registrata b'kunjom il-konvenut u cioe' "D" meta hu mhuwiex il-missier;

Illi l-missier naturali tal-minuri huwa r-rikorrenti A B u mhux il-konvenut G D;

Illi l-konvenut ilu separat *de facto* minn ma' martu r-rikorrenti C D tant li r-rikorrenti gia' kellhom tarbija u giet registrata bil-kunjom B wara sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti moghtija fit-18 ta' Frar 2008 (rik 186/07JA);

Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-imsemmija tarbija F D li twieldet fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), m'hijiex wild naturali tal-konvenut G D kif jidher dikjarat fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' registrazzjoni *omissis*.

2. Tiddikjara li r-rikorrenti A B bin *omissis (isem)* u *omissis (isem),* imwieled *omissis (post u pajjiz)*, cittadin Maltin bil-karta ta' l-Identita' numru *omissis*, huwa l-missier naturali tal-minuri F u tordna l-korrezzjonijiet ta' l-Att ta' Twelid f'dan is-sens.

3. Konsegwentament, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija imsemmija li jgib in-numru ta' registrazzjoni *omissis*, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem G D, il-professjoni jew sengha tal-konvenut, l-eta', post ta' twelid u residenza tal-konvenut kif ukoll isem u kunjom missier il-konvenut u jekk huwiex haj jew mejjet u tordna

kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel u tieni talba u jekk jinhtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez ; Il-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, la l-intimat G D u lanqas id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ressqu ebda twegiba.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi f'din il-kawza, ir-rikorrenti A B u C D qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara illi t-tarbija mwielda fit-3 ta' Ottubru 2008 mir-relazzjoni ta' bejniethom m'hijiex wild naturali ta' G D, ir-ragel tal-istess rikorrenti C D.

Jirrizulta illi z-zewg rikorrenti bdew relazzjoni intima bejniethom sa mill-2005. Fil-fatt huma kellhom l-ewwel tarbija flimkien fis-sena 2007. Din it-tarbija, li originarjament kienet giet registrata bhala wild D, sussegwentement, giet dikjarata bhala wild naturali tar-rikorrenti odjern B, u dan permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Frar 2008.

L-istorja rrepetiet ruhha u r-rikorrenti kellhom tarbija ohra li ukoll giet registrata bhala wild G D. F'dan il-kaz din il-Qorti ghandha l-istess konvinciment tal-Qorti diversament presjeduta li t-tarbija hija tassew wild A B. Infatti, jidher li kien biss ricentement li l-imsemmi G D inheles mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, fejn kien qed jiskonta piena ta' prigunerija.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti,

2. Tilqa’ t-tieni talba;

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna d-Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa tibdil fl-Att ta’ Twelid Nru. *omissis* billi fil-kolonna li tindika l-konnotazzjonijiet tal-missier jitnizzel l-isem ta’ A B detentur tal-Karta tal-Identita’ Nru. *omissis,* iben *omissis (isem)*, mejjet, imwieled *omissis (post u pajjiz)*, u residenti *omissis (post)*, Malta, u dan fi zmien hmistax-il gurnata.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------